BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 12/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 11/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. B.Pace ipproponiet u J.Borg issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

Minħabba li ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa l-Kamra għaddiet għal l-Aġenda li jmiss.

## ***AĠENDA -3***

Il-Kamra għaddiet biex tiddiskuti l-kwotazzjonijiet għal pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill :

| | | |
|---|---|---|
| Offerta Nru. 1 - | Union Print | € 1661.10 |
| Offerta Nru. 2 - | Veritas Press | € 1428.00 |
| Offerta Nru. 3 - | Best Print | € 1680.00 |
| Offerta Nru. 4 - | Aspects Ltd. | € 2883.94 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel Kuntrattur Nru. 2 - Veritas Press għas-somma ta' €1428.00 peress li kien l-orħos wieħed.

***AĠENDA -4***

J.Baldacchino ressaq proposta quddiem il-Kamra sabiex Triq San Ġwann, il-parti ta' bejn Triq Iż-Żurrieq u Triq Iż-Żibra, issir *one-way,* jiġifieri li t-*traffic flow* ikun fid-direzzjoni lejn Triq Iż-Żibra. Minħabba li Triq San Ġwann hi triq perikoluża l-Kamra qablet ma' din il-proposta. S.Cuschieri irrimarkat li minħabba din il-proposta Triq il-Belle Isle ser tibda tintuża aktar għal min irid imur lejn Ħal Far u għaldaqstant issuġġeriet li għandha tingħata kisja tarmak.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Diċembru '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €128427.12 titħallas skond Skeda Nru. 12/09.

***AĠENDA -6***

1. Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-Rapport Finanzjarju li jkopri l-perijodu ta' tliet xhur bejn l-1 ta' Lulju 2009 u t-30 ta' Settembru 2009. Dan ġie approvat mill-Kamra.

2. Il-Kamra ġiet infurmata li fuq rakkomandazzjoni tal-MEPA, Għar Il-Friefet u Għar Ħasan ser ikunu magħluqa għall-pubbliku minħabba l-periklu li fihom kif ukoll minħabba speċi protetti li jgħixu fihom.

3. S.Cuschieri rrimarkat li ma qablitx mal-proċess li ntuża għall-ingaġġ tal-*part-timers*.

4. T.Roberts informa l-Kamra li ġie maħtur bħala Tourism Representative fi ħdan il-GAL Xlokk.

5. J.Borg informa l-Kamra li minħabba li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni min-naħa taż-żgħażagħ tal-lokal għall-Kunsill taż-Żgħażagħ ma nistgħux nieħdu sehem f'dan il-proġett.

6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward ta' żewġ laqgħat li hu flimkien ma' T.Roberts attenda. Fl-ewwel laqgħa ġie diskuss l-Environmental Impact Statement (E.I.S) tal-Power Station ta' Delimara. Is-Sindku irrimarka li hawn ħadd ma refa' responsabilta' għal ħsara li ser issir b'detriment għal saħħet ir-residenti ta' Birżebbuġa. Laqgħa oħra kienet mal-Onor. Dr Chris Said fejn ġie diskuss l-estensjoni ta' Terminal I tal-Malta Freeport. Għal din il-laqgħa attenda wkoll, f'isem il-Kunsill, il-Perit Carmel Cacopardo. Il-Kunsill reġa' ressaq l-oġġezzjoni tiegħu għal dan it-tkabbir, fejn insista wkoll li għandu jsir Environmental Impact Assessment (E.I.A.) mill-Malta Freeport Corporation.

7. Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jagħmel kuntratt għal ġbir ta' skart separat ma' Green Dot Malta Ltd. wara li saru laqgħat kemm mal-Green MT kif ukoll mal-Green Dot Malta Ltd. Din il-proposta ġiet issekondata minn R.Zahra. Kulħadd qabel.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2010 fil-5.30pm. .

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................ |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

| Schedule of Payments 12/09 | | | |
|---|---|---|---|
| **Period 01/12/2009 till 31/12/2009** | | | |
| **Cheque** | **To** | **For** | **Amount Euro** |
| 7571po | Alfred Schembri | p/o Triq Sant Anglu + Pavement triq Bzulija | 48434.21 |
| 7572 | AKL | Laqgha tas-Sindki | 190.00 |
| 7573 | Petty Cash | Petty Cash | 345.30 |
| 7574 | Troy DVD Rentals | Camera | 270.00 |
| 7575 | Bernard Farrugia | Website Domain | 465.00 |
| 7576 | Chossey DVD | Stationery | 50.36 |
| 7704 | Andrew Fleri Soler | Repair photocopier | 205.00 |
| 7725 | Ministeru ghar-Rizorsi | Fixing of Railing | 70.80 |
| 7710 | Saviour Mifsud | Non-Urban July to September | 15007.94 |
| 7723 | ELC | Public Gardens Oct 09 & Nov 09 | 2295.84 |
| 7707 | New Era | Street Cleaning Oct 09 & Nov 09 | 3879.16 |
| 721 | Bezzina Ronald & Chris | Public Places Oct 09 & Nov 09 | 665.84 |
| 7632 | RVS Ltd. | Refuse Collection Nov 09 | 6878.90 |
| 7721 | Bezzina Ronald & Chris | Public Conveniences Oct 09 & Nov 09 | 2034.58 |
| 7724 | Water Services Corporation | Water and Electricity - till June 09 | 1090.88 |
| 7731 | Smart Office | Stationery | 64.28 |
| 7614 | Fenech Charlie | Tipper Truck Oct 09 | 1452.00 |
| 7718 | Fenech Charlie | Tipper Truck Nov 09 | 1386.00 |
| 7705 | Duraprint | Stationery | 284.38 |
| 7618 | Pauline Ellul | Office Cleaning | 76.00 |
| 7713 | Pauline Ellul | Office Cleaning | 95.00 |
| 7581 | DOI | Advert | 18.64 |
| 7582 | OPM | Advert | 100.00 |
| 7583 | Maltapost | Stamps | 114.00 |
| 7720 | Zurrieq Joint Committee | LES expenses Aug 09 & Sept 09 | 9075.47 |
| 7719 | Allied Newspapers | Advert | 86.14 |
| 7717 | Central Districts Office | Patching | 562.47 |
| 7716 | Horace Enterprises | Memento | 52.10 |
| 7736 | Martins Photography | Jum Birzebbuga Photographs | 206.50 |
| 7714 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Signs | 665.95 |
| 7712 | Charles Ironmongery | Hardware goods | 2624.95 |
| 7711 | Media Link Communications | Advert | 54.75 |
| 7708 | WasteServ Malta Ltd. | Hire of Bins | 296.59 |
| 7701 | Tino 2000 | Office Supplies | 37.12 |
| 7734 | JJ Ironmongery | Hardware goods | 1135.97 |
| 7702 | Carmen Debattista | Library Opening Nov 09 | 89.44 |
| 7707 | New Era | Mechanical Sweeping Mondays November | 700.00 |
| 7730 | J. Brincat | Newspapers October 09 | 45.09 |
| 7706 | Swallow Garage | Day Center 2mths | 223.61 |
| 7737 | Go | Internet | 126.70 |
| 7738 | Go | Telephone Expenses for two months | 792.07 |
| 7726 | Vodafone | Telephone Expenses | 37.37 |
| 7727 | Audio System | Jum Birzebbuga | 485.00 |
| 7709 | WasteServ Malta Ltd. | Tipping Fees - October 09 | 4051.41 |
| 7729 | JM Installations | Lighting Repairs | 1350.53 |
| 7721 | Ronald & Chris Bezzina | Extra Work | 40.00 |
| 7732 | Joseph Grech | Quantity Surveyor | 859.24 |
| 7625 | Anatole Baldacchino | Accountancy Services | 873.52 |
| 7715 | Nexos | Lighting Repairs | 2755.03 |
| 7740 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 40.00 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7739 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7613 | Chossey DVD | Stationery | 165.62 |
| 7616 | Debattista Carmen | Library Opening | 100.62 |
| 7619 -22-24, 27-28 | Salaries | Salaries and Wages Nov 09 | 4270.55 |
| 7621 | Joseph Farrugia | Reimbursed Expenses Nov 09 | 146.60 |
| 7626 | The Greenfields | Jum l-Anzjan | 150.00 |
| 7629 | Commissioner of IR | PAYE & NIC Nov 09 | 1324.84 |
| 7630 | Alfred Fenech | Water Bowser | 186.35 |
| 7733 | Alfred Schembri | Coated stone & Kerbs | 8099.41 |
| 7633 | Raymond Vella | Door to door delivery | 170.00 |
| 7741 | Canifor Hotel | Jum l-Anzjan | 1032.00 |
| | | **Total Paid** | **128427.12** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**